MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 644/2009

**Marie Therese sive Marthese Bezzina ID 697861M**

**vs**

**Emanuel Bezzina**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'din il-kawza bejn genituri ta' tifla Kylie, l-attrici ressqet TALBA kontra l-Intimat ghall-hlas ta' elf, tmien mija u disa Ewro disgha u ghoxrin centezmi (jew somma verjuri) ghal spejjes dwar studji u attivitajiet extra-kurrikulari ta' Kylie. Dana skond is-sentenza PA/752/02/RCP tat-30 ta' Novembru 2005 li l-effetti taghha gew estizi b'kuntratt bejn il-kontendenti fl-atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono tal-15 ta' Gunju 2007.

**Ra** r-RISPOSTA hekk:-

1) L-attrici mhiex legittmu kontradittur.
2) L-ammont pretiz mhux dovut.
3) Bla pregudizzju ghall-kontro-talba mressqa mill-Intimat.

**Ra** KONTRO-TALBA li fiha l-Intimat Rikonvenjenti talab minghand l-Attrici l-ammont ta' *children's allowance* riferibilment ghall-minuri Emanuel sive Noel Bezzina, liema hlas kien sarilha meta l-minuri kien jghix ma missiru, bl-omm ma tikkontribwixxi xejn ghall-manteniment ta' binhom.

**Ra** r-RISPOSTA ghall-kontro-talba mfassla hekk:-

1. In-Nullita' tal-kontro-talba li ma fiha ebda ndikazzjoni ta' valur u jekk tidholx fil-kompetenza ta' dan it-TRIBUNAL.

2. Il-kura u kustodja tat-tifel dejjem kienet f'idejn l-ATTRICI u ghalhekk ebda ammont mhu dovut.

**Ra** li fl-udjenza tal-1 ta' Marzu 2010 gie verbalizzat, b'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni tar-RISPOSTA ghall-kontro-talba, li l-*quantum* mhux ser jeccedi €3,494.60c.

II PROVI

1. It-TRIBUNAL qed hawn jislet xi provi biss; mill-bqija wiehed ghandu jqis dak kollu li hemm fil-process.

2. **L-Attrici** esibiet kuntratt ta' separazzjoni datat 15/6/2007 (Dok MB1 *a fol* 19 *et seq*) u rriferiet ghall-klawsola nru 2 (*a fol* 21) u bhala Dok MB2 (*a fol* 27) esibiet prospett in sostenn tal-*quantum* minnha mitlub.

3. **Stephanie Grima** ghad-Dip tas-Sigurta Socjali esibiet Dok FS2 07, 08 u 09 li juru x'hadet l-attrici ghat-tifel minuri sa ma ghalaq 16-il sena. Dok SG (*a fol* 69) juri dak li rceviet mill-14.08.04 sal-05.07.08, bi spjegazzjoni necessarja. Ic-*children's allowance* jithallas lil min ikollu kustodja tal-minuri; f'separazzjoni jimxu ma degriet tal-Qorti u skond l-informazzjoni li jtuhom il-partijiet f'cirkostanzi ohra. Ma tafx il-missier kienx talab xi *allowance*.

4. Fl-udjenza tat-13/2/2013 xehed **Noel Bezzina** li qal li hu kellu 20 sena u hu student tal-ligi u ohtu 23 u qal li prattikament dejjem ghex ma missieru waqt li ohtu tghix m'ommhom. Kylie kienet l-ahhar sena ta' qabla u kienet *carer* f'Casa Arkati.

5. **L-Intimat** ressaq affidavit (*a fol* 90). Qal li hallas regolarment il-manteniment ta' Kylie u ta' Noel qatt ma rcieva xejn. Hu jaqla €1,200 fix-xahar u mhux ilahhaq mal-ispejjes tal-familja. Martu qatt ma hallsitu ghal xi spejjes tat-tifel. Martu qatt ma kkonsultatu dwar spejjes ta' Kylie.

6. Fl-udjenza tas-6 ta' Novembru 2014 l-attrici xehdet, in kontro-ezami, li waqt is-separazjzoni u wara, t-tifel ghax ma missieru u waqt dan kienet hi li kienet tircievi l-*allowance* tat-tifel li kien twieled fl-01/2/1990.

III KONSIDERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL iqis kif gej:-

1. Jekk hawn kazi li fihom it-TRIBUNAL ghandu jkun gwidat minn konsiderazzjonijiet ta' ekwita inkluz li jigu mwarrba komplikazzjonijiet inutli (dana sabiex issir gustizzja tassew) dan prezenti hu wiehed minnhom.

2. Hawn ghandna familja b'zewg ulied, li hi mifruda. Bit-tifla tghix ma ommha (Attrici u Rikonvenuta) u t-tifel ma missieru (Intimat u Rikonvenjent).

3. Jirrizulta li z-zewg genituri hadu hsieb l-edukazzjoni ta' wliedhom, bit-tifla taqbad it-triq ta' qabla u t-tifel dik ta' avukat. Issa qed jippretendu spejjes m'ghand xulxin: l-omm m'ghand il-missier li b'reazzjoni rreagixxa b'kontro-talba dwar dak li hallas u qed ihallas ghal ibnu.

4. Irrizulta li mill-bidu tas-separazzjoni 'l quddiem, ic-*children's allowance* ghat-tifel dejjem hadithom l-omm u din qatt ma hallset xejn ghat-tifel meta ghadda f'idejn il-kustodja esklusiva ta' missieru.

5. L-attrici qed titlob hlas ta' €1,809.29c. L-Intimat, rinfacjat b'eccezzjoni preliminari – ghat-talba rikonvenzjali – li ma kienx ikkwantifika *quantum,* wara ddikjara li dan ma kienex jaqbez il-kompetenza tat-TRIBUNAL. Dan, iqis it-TRIBNAL, hu rimedju validu ghan-nuqqas originali tar-Rikonvenjent. Hu mbaghad ipproceda biex qatt ma talab ammont specifiku, pero meta jqis kollox, it-TRIBUNAL ihoss li l-Intimat Rikonvenjenti ghandu jiehu m'ghand l-Attrici Rikonvenuta l-*quantum* ta' disa' mitt Ewro (€900.00c)

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi, rigward il-kontro-talba (1) **jichad** l-eccezzjonijiet kollha ghall-istess kontro-talba, b'dana izda li (2) **jilqa** l-kontro-talba fil-*quantum* ta' disa' mitt Ewro (€900.00c) biss (3) **jichad** l-eccezzjonijiet sollevati fir-Risposta ghat-TALBA hlief ghal *quantum* ta' disa' mitt Ewro (€900) u (4) ghalhekk **jilqaghha** f'dan l-ammont izda (5) **jiddeciedi** li z-zewg debiti **jpacu** lil xulxin u jzid (6) **jiddeciedi** li l-ispejjes sew tal-AVVIZ kif ukoll tal-KONTRO-TALBA jibqghu minghajr taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------